

Brussell, 4 ta' Frar 2026
(OR. en)

5744/26
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0157 (NLE)

UD 15
ENFOCUSTOM 11
FISC 34
ECOFIN 93
MI 71
COMER 14
TRANS 36

NOTA PUNT "I/A"

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Suġġett: Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1186/2009 fir-rigward tal-eliminazzjoni tal-limitu ta' eżenzjoni mid-dazju doganali
- Adozzjoni
- Dikjarazzjoni minn Malta

Malta talbet li d-dikjarazzjoni li ġejja tiddaħħal fil-minuti tal-Kunsill

Malta għadha impenjata li tappoġġa l-oġġettiv ta' politika li jiġi indirizzat l-abbuż marbut ma' kunsinni ta' valur baxx, inkluż is-sottovalutazzjoni u l-qsim artifiċjali, u tirrikonoxxi r-raġunament għall-eliminazzjoni tal-limitu ta' eżenzjoni mid-dazju doganali ta' EUR 150.

Malta tagħraf li t-test maqbul jallinja b'mod ġenerali mal-pożizzjoni fit-tul tagħha dwar l-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwi u s-salvagwardja tad-dħul tal-Unjoni u dak nazzjonali.

Madankollu, Malta tixtieq itteni t-tħassib tagħha dwar l-implikazzjonijiet operazzjonali, amministrattivi, u tal-IT tal-miżuri maqbula, b'mod partikolari għal amministrazzjonijiet doganali iżgħar.